

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Cinkciarz.pl sp. z o.o.

Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) tat-28 ta' Mejju 2020, l-appell ma ġiex ammess.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie
(il-Polonja) fil-11 ta' Mejju 2020 – MN, DN, JN, ZN vs X Bank S.A.**

(Kawża C-198/20)

(2020/C 304/06)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: MN, DN, JN, ZN

Konvenuta: X Bank S.A.

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 2(b), l-Artikolu 3(1) u (2) u l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur⁽¹⁾, kif ukoll il-premessi tagħha [ċċitati hawn taħt]: [“]

— Billi l-konsumatur għandu jirċievi protezzjoni ugwali taħt kuntratti konklużi bil-kliem u kuntratti bil-miktub minkejja kollox, f'dan l-aħħar każ, jekk il-klawżoli tal-kuntratt ikunux jinsabu f'dokument wieħed jew aktar;

[...]

— Billi l-istima, skond il-kriterji ġenerali magħżula, tal-karattru inġust ta' klawżoli, b'mod partikolari fil-bejgħ jew fattivitajiet ta' provvista ta' natura pubblika li jipprovdu servizzi kollettivi li jqisu s-solidarjetà fost l-utenti, għandha tiġi supplimentata billi ssir valutazzjoni globali tad-diversi interessi involuti; billi din tikkostitwixxi l-ħtieġa ta' buona fede; billi, waqt li tkun qed issir stima ta' buona fede, għandha titqies b'mod partikolari s-saħħa tal-posizzjonijiet tal-ftehim tal-partijiet, kemm jekk il-konsumatur kellu xi jħajru biex jaqbel mal-klawżola kif ukoll jekk il-merkanzija jew is-servizzi nbiegħu jew ġew ipprovduti bl-ordni speċjali tal-konsumatur; billi l-ħtieġa ta' buona fede tista' tkun sodisfatta mill-bejjiegħ jew mill-fornitur meta dan jittratta b'mod ġust u ekwu mal-parti l-oħra li huwa għandu jikkunsidra l-interessi leġittimi tagħha;

[...]

— Billi l-kuntratti għandhom jiġu abbozzati f'lingwa ċara, li tiftiehem, il-konsumatur għandu fil-fatt jingħata opportunità biex jeżamina l-klawżoli kollha u, jekk ikollu xi dubju, l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli lejn il-konsumatur għandha tirbaħ; [”]

fid-dawl tal-punti 16 u 21 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2015 Horațiu Ovidiu Costea vs SC Volksbank România SA (C-110/14, ECLI:EU:C:2015:538) u l-punti 20 u 26 sa 33 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pedro Cruz Villalón ippreżentati fit-23 ta' April 2015 (ECLI:EU:C:2015:271),

għandu jiġi interpretat fis-sens li l-protezzjoni tal-konsumatur mogħtija mid-Direttiva 93/13 tapplika għal kull konsumatur?

Jew ukoll kif issuġġerit fil-punt 74 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2014 fil-kawża Árpád Kásler, Hajnalka Káslerné Rábai vs OTP Jelzálogbank Zrt, (C-26/13, ECLI:EU:C:2014:282) protezzjoni tal-konsumatur tingħata biss lil konsumaturi medji li huma informati b'mod normali u li huma attentivi u avżati b'mod raġonevoli? Fi kliem ieħor, il-qorti nazzjonali tista' tikkonstata n-natura inġusta tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt konkluż minn kull konsumatur, jew tista' wkoll tikkonstata biss in-natura inġusta tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jkun ikkonkluda konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli?

- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-protezzjoni tal-konsumatur taħt id-Direttiva 93/13 ma tapplikax għal kull konsumatur iżda biss għall-konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli, konsumatur li qabel il-konklużjoni tiegħu ma qarax il-kuntratt ta' kreditu għal self ipotekarju indiċjat f'valuta barranija u li jammonta għal 150 000 złoty Pollakka (PLN) konkluż għal 30 sena jista' jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli? Dan il-konsumatur jista' jingħata protezzjoni taħt id-Direttiva 93/13?
- 3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-protezzjoni tal-konsumatur taħt id-Direttiva 93/13 ma tapplikax għal kull konsumatur iżda biss għall-konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli, konsumatur li effettivament qara l-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu għal self ipotekarju indiċjat f'valuta barranija konkluż għal 30 sena u li jammonta għal PLN 150 000 iżda li ma fehmux kompletament, u minkejja dan ma pprova jifhem it-tifsira tiegħu qabel ma kkonkludieh, u li fuq kollox ma talabx lill-parti l-oħra fil-kuntratt, il-bank, sabiex jispjega t-tifsira tiegħu, it-tifsira tad-dispożizzjonijiet individwali, jista' jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli? Dan il-konsumatur jista' jingħata protezzjoni taħt id-Direttiva 93/13?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Appell ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2020 minn Claudio Necci mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-25 ta' Marzu 2020 fil-Kawża T-129/19, Necci vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-202/20 P)

(2020/C 304/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Claudio Necci (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-digriet mogħti fil-25 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Necci vs Il-Kummissjoni, T-129/19;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tiddeċiedi mill-ġdid fuq l-imsemmija kawża;
- tirriżerva l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant jitlob l-annullament tad-digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2020 fil-Kawża T-129/19, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ħadhet ir-rikors tiegħu għal annullament bħala inammissibbli u kkundannatu għall-ispejjeż.

L-appellant iqajjem, insostenn ta' dan, tliet aggravji:

L-ewwel aggravju bbażat fuq żnaturament tas-suġġett tat-tilwima sa fejn il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea qieset li d-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2011 kienet tippreġudika lill-appellant.